**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 15 ta' Mejju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Anthea Saliba**

Każ. nru. 80/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra:

**Anthea Saliba,** bint Etienne u Charlene nee` Vella, imwielda Pieta nhar it-30 ta' Diċembru 2000 u detentriċi tal-karta tal-identita numru 11101L

Akkużata talli b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn iż-żmien tal-1 ta' Settembru 2023 u l-1 ta' Novembru 2023, f'diversi ħinijiet, u f'diversi inħawi ġewwa Malta u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Bil-ħsieb li testorċita flus jew xi ħaga oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddet li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil Saviour Cilia u Gaetana Cilia;
2. Użat vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika, u/jew sfurzar, sabiex iġiegħel lil Saviour Cilia u Gaetana Cilia jagħmlu, iħallu ssir, jew jonqsu milli jagħmlu, xi ħaġa, jew sabiex itnaqqas l-abilitajiet ta' Saviour Cilia u Gaetana Cilia jew teżola tali persuna jew tillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, liema delitt twettaq

ripetutament, min żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u ikkaġuna offiża psikoloġika fuq il-vittma;
3. Inġurjat jew heddet lil Saviour Cilia u Gaetana Cilia, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijn band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienu ipprovokati, inġurjaw b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġiegħel lil Saviour Cilia u Gaetana Cilia biex jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedditthom li takkużahom jew li tagħmel ilment kontra, jew biex timmalafamhom, għamlet użu mhux xieraq mil-mobile.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija

1. Tipprovdi għas-sigurta ta' Saviour Cilia u Gaetana Cilia ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti skont kif jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Jekk jidhrilha xieraq tordna lill-ħatja sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa jew li xjentement laqgħat għandha b'riċetazzjoni jew akkwistat bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' Saviour Cilia u Gaetana Cilia bi/jew permezz tar-reat, jew li tħallas lil Saviour Cilia u Gaetana Cilia ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra skont l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u li, fl-24 ta' Jannar 2024 l-imputat, assistita mill-avukat difensur tagħha wieġbet li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 2024 l-imputata, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tagħha, ammettiet l-akkużi kollha dedotti kontra tagħha, u kkonfermat din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżata bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa tikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tagħha, tirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tagħha u terġa lura minnha.

Rat il-*pre-sentencing report* redatt mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u ħadet in konsiderazzjoni il-qbil tagħhom dwar il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha.

Il-partijiet issottomettew quddiem il-Qorti li qablu fuq piena ta' sentenza sospiża. Din il-Qorti pero, wara li rat l-atti u semgħet iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fuq l-imputata, ma taqbilx li din hija l-piena idoneja f'dan il-każ, u dan wara li ħadet is-segwenti ċirkostanzi in konsiderazzjoni.

L-ewwel nett, il-prosekuzzjoni stess aċċettat u ssottomettiet quddiem din il-Qorti li l-imputata hija wkoll vittma, peress li kienet f'relazzjoni ferm abbużiva mal-persuna li allegatament pjanat u kkomettiet dan ir-reat, u spiċċat f'din is-sitwazzjoni proprju minħabba f'hekk. Il-prosekuzzjoni issottomettiet quddiem din il-Qorti li l-imputata kienet tibża ħafna minn din il-persuna, u almenu mill-istqarrija tal-imputata jidher li dan huwa peress li mhux biss kienet sfat vittma ta' abbuż fiżiku u sesswali, iżda wkoll minħabba t-theddid li kienet tirċievi jekk kienet tesprimi x-xewqa li ttemm ir-relazzjoni. Mill-atti jidher li kienet din il-persuna li allegatament ħolqot il-pjan u wettqitu, billi kienet hi illi ġibdet il-video u hi ukoll li estorċitat lill vittmi. Dan tant illi l-vittmi stess qalu li l-imputata qatt ma tkellmet, u kienet biss tkun flimkien mal-allegata awtriċi tar-reat. Jidher illi l-involviment tal-imputata kien verament minimu u manifestament konsegwenza tad-dinamika abbużiva li kienet tinsab fiha. Għalkemm dan ma jnaqqasx xejn mir-responsabbilita tal-imputata għar-reati kommessi, kif fl-aħħar mill-aħħar għarfet hija stess meta ammettiet għall-akkużi kollha mal-ewwel dehra quddiem il-Qorti, dan huwa fattur relevanti għal dak li jirrigwarda il-kalibrar tal-piena.

Il-Qorti innotat b'dispjaċir kbir il-fatt li l-imputata tħalliet tieqaf mill-iskola ta' erbatax -il sena għaliex kellha tarbija. Il-Qorti tirrileva *obiter* li huwa deplorabbli li l-Istat ippermetta li l-imputata ma tkomplix tirċievi edukazzjoni mill-eta tenera ta' erbatax -il sena, meta huwa obbligu pożittiv tal-Istat li jiżgura li t-tfal ta' taħt is-sittax -il sena jattendu edukazzjoni mandatorja, u dan l-obbligu ma jisfax fix-xejn meta xi minuri jkollha tarbija. Possibilment kieku l-Istat onera l-obbligu tiegħu il-ħajja tal-imputata kienet tieħu perkors differenti ħafna. Minn eżami tal-atti, u minn dak sottomess mill-partijiet quddiem il-Qorti, m'hemmx dubbju li l-imputata hija persuna vulnerabbli, u nuqqas ta' edukazzjoni bażika ma jista' jagħmel xejn ħlief li jaggrava din il-vulnerabbilita.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputata għandha fedina penali netta u għadha ta' eta pjuttost żgħira. Hija għarfet mill-ewwel li dak li sar kien ħażin, ikkoperat mal-pulizija, irreġistrat ammissjoni bikrija u esprimiet rimors. Fil-*pre-sentencing report* tagħha l-Uffiċjal tal-Probation osservat li l-imputata daħlet fil-program Oasi f'Diċembru 2023 u minkejja li ħarġet minnu qabel iż-żmien, jirriżulta li xorta waħda kompliet taħdem fuq id-dipendenza tagħha fuq id-droga, ikkonsidrat li l-eżamijiet li saru kontra l-abbuż tad-droga fil-mori ta' dawn il-proċeduri taw riżultati fin-negattiv għas-sustanzi tal-

kokaijna u eroina. Mill-istess rapport jirriżulta li l-imputata laħqet element ta' stabbilita f'ħajjitha u li l-imputata għandha relazzjoni b'saħħitha ma' ommha li tagħtiha ħafna support. Għalhekk jidher li mhux biss l-imputat ma tidhirx li hija propensa għal ħajja ta' kriminalita, iżda wkoll li għandha d-determinazzjoni u s-sapport li huwa meħtieġ sabiex terġa lura fit-triq it-tajba.

Ikkonsidrat dan kollu il-Qorti ma tqisx li piena ta' sentenza sospiża hija idoneja. Din hija l-ewwel darba li l-imputata xelfet difrejha mal-liġi, u partikolarment ikkonsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti mhijiex tal-fehma li huwa xieraq u wisq anqas neċessarju li dan l-episodju itebba` l-kondotta tal-imputata b'mod li jagħmilha aktar diffiċli għaliha li terġa tintegra ruħha fis-soċjeta u ssib impjieg. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak miktub mill-awtur Andrew Ashworth u ċioe li:

> "*An obvious mitigating factor is the previous good character of the offender: proportionality theory argues in favour of dealing more leniently with an offence that can be interpreted as an isolated lapse, recognizing human frailty and yet showing respect for the offender as a rational individual, capable of responding to the censure inherent in the sentence imposed.*"[1]

Jidher illi l-prospett ta' riabilitazzjoni tal-imputata huwa għoli, tenut kont dak ikkonsidrat aktar `il fuq, u għalhekk il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi huwa aktar idoneju li l-imputata titpoġġa taħt Ordni ta' Probation, u Ordni ta' Trattament. B'dan il-mod tkun qed tiġi assigurata r-riabilitazzjoni tal-imputata, u li l-imputata tingħata l-għajnuna li tista' teħtieġ sabiex isegwa l-pjan ta' kura psikjatrika meħtieġ, tieqaf tabbuża mis-sustanza tal-marijuna u ssaħħaħ is-stabbilita li jidher li bdiet tiżviluppa f'ħajjitha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 18, 250(1)(2), 251(1), 251(2), 251H (b), (e) u (h) u l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 49 (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggiha taħt Ordni ta' Probation għal sentejn, skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal sentejn, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali Il-Qorti tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Saviour Cilia u Gaetana Cilia kontra tal-imputata skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' sentejn.

Ai termini tal-artikolu 7(6) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara illi qabel ma għamlet l-ordni ta' *probation,* il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li jinftiehem x'inhu l-effett tal-ordni u li jekk tonqos milli

[1] A. Ashworth, *Sentencing and Criminal Justice* (Cambridge University Press, 2005) 163.

tikkonforma ruħha mal-ordni jew tagħmel xi reat ieħor hija tista` tingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-effett tal-Ordni ta' Trażżin u l-konsegwenzi legali jekk ma tikkonformax ruħha miegħu.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Deputat Reġistratur